*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 33 – 14 ta' Lulju 2021**

***Minuti tat-tlieta u tletin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar it-14 ta' Lulju 2021 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' virtwalment fit-6:00 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 33. Il-laqgħa bdiet fl-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija:** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **George Cortis** | Kunsillier |

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

**33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ma kien hemm l-eda ittra ta' apoloġija.

**33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Is-Sindku Dr. Malcolm Paul Agius Galea ippropona li l-minuti jkunu approvati kif preżentati. Huwa kien sekondat mill-Viċi-Sindku Mark Camilleri. Il-minuti kienu approvati.

33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea qal li bħalissa għaddejja l-ħidma fuq it-tender għall-binja tal-latrina. Dwar it-Tender għat-tisbiħ ta' madwar Bieb de Rohan, is-Sindku nfurma lill-Kunsill li t-tender kien għalaq u issa qiegħed fil-proċess tal-aġġudikazzjoni.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea informa lill-Kunsill li l-Enemalta aċċetta li tieħu fir-responsabbilita tagħha d-dawl ta' Vjal il-Ħelsien, u li taqla l-arbli u tirranġa d-dwal hi. Huwa qal li issa jkun iffirmat MOU bejn iż-żewġ partijiet.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea qal li tkellem mal-kumpanija GO sabiex isir pilot project u jitnaddfu l-wires il-mejta li hawn. Il-wires tad-dawl jingħaddew kollha minn taħt l-art.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea informa lill-Kunsill li resident talab il-permess tal-kunsill sabiex iweħħel Vending Machine tax-xorb fejn il-librerija. Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-permess ma jingħatax.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea qal li jixtieq li titweħħel AED viċin Misraħ San Filep. Il-kumpanija Apex aċċettat li dan l-apparat jeħel mal-faċċata tagħha.

33.4 Użu mill-Fondi tar-Reġjun

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea qal li is-Segretarju Eżekuttiv preparat lista ta' spejjeż li jistgħu ikunu rkuprati mir-reġjun, li ħafna minnhom kienu nklużi fil-vot tal-flus li kien ser ikun preżentat fl-istess laqgħa.

**33.5 Ħamiem Selvaġġ**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea qal li l-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ wera nteress fl-iskema dwar il-Kontroll tal-Ħamien Selvaġġ. Mill-informazzjoni li ngħatat, din l-iskema tikkontrolla l-popolazzjoni tal-ħamiem f'postijiet pubbliċi.

**33.6 Tender Landscaping Vjal il-Ħelsien**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-Kunsill li l-proċess ta’ evalwazzjoni dwar it-Tender tal-Landscaping ta’ Vjal il-Ħelsien issa kien konkluż u l-Bord tal-Aġġudikazzjoni kien qed jirrakomanda lil Derek Garden Centre bħala l-kuntrattur magħżul. B’ kollox kien hemm tlett offerenti:

The A Parks Ltd – Offerta Vat Eskluża Eur160,184

Derek Garden Centre – Offerta Vat Eskluża Eur123,681

Alistair Bezzina – Offerta Vat Eskluża Eur107,000

Intbagħtet talba għall-kjarifika lil Alistair Bezzina, liema risposta baqgħet ma waslitx u għaldaqstant ma setax jibqa jkun ikkunsidrat. It-tieni l-irħas offerent Derek Garden Centre, kien konformi f’dak kollu li kien mitlub fit-tender u għaldaqstant kien irrakkomandat li jintagħzel hu. Fuq proposta tas-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea, sekondata mill-Kunsillier Steve Zammit Lupi, il-kuntrattur magħżul huwa Derek Garden Centre. Kien hemm qbil unanimu.

**33.7 Proposta għall-Ġemellaġġ – Beit Sahour il-Palestina**

Wara diskussjoni kien hemm qbil  li l-Kunsill jmexxi mal-proposta għal-ġemellaġġ ma’ Beit Sahour, il-Palestina. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea ser jikkomunika mal-ambaxxatur ta’ Malta għall-Palestina sabiex jinfurmah li hemm interess għall-ġemellaġġ min-naħa tal-Kunsill.



***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*

Il-Viċi-Sindku Mark Camilleri nforma lill-Kunsill li huwa għandu kuntatti tajba ma Urgnano, belt viċin Bergamo, l-Italja. Il-Kunsill qal li din hija opportunita tajba hafna għall-Kunsill tagħna u għandha tiġi sfruttata.

Il-Viċi-Sindku Mark Camilleri fakkar li s-sena d-dieħla jkun imfakkar il-ħamsa u għoxrin sena minn mindu sar il-ġemelaġġ ma' Aġira u għalhekk il-Kunsill għandu jara kif ikun iċċelebrat.

Il-Kunsillier David Battistino qal li l-Kunsill għandu jara kif jsir ġemelaġġ ma l-Belt Rohan, fi Franza minħabba anke r-rabta li għandu Ħaż-Żebbuġ ma l-isem Rohan.

33.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea qal li rċieva talba mill-Perit Valentino sabiex jiltaqa mal-Kunsill dwar il-proġett tad-dar li ha ssir fi Triq tal-Grazzja.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li fl-aħħar seduta li kien hemm tal-Planning Authority dwar il-proġett ta' Dar Bjorn, il-Bord innota li avolja kien għad irid jinstema l-appell, xorta waħda il-proġett u x-xogħlijiet baqgħu għaddejjin. Il-Planning Authority tablet li jsir travel plan minħabba li ma ġiex provdut parkeġġ alternattiv.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li fl-ewwel ġimgħa ta' Awwissu, fis-7 ta' Awwissu ser issir clean-up f'diversi postijiet rurali Ħaż-Żebbuġ u kulħadd huwa mistieden. Il-Kunsillier Steve

Zammit Lupi talab li z-zebra crossing li saret temporanja waqt li kien għaddej il-proġett tal-pompa, issir permanenti minħabba li hemm il-ħtieġa li n-nies ikollhom minn fejn jaqsmu.

Dwar il-bus shelter li hemm fi Triq Sciortino fejn kienet il-venda qabel, il-Kunsillier Steve Zammit Lupi issuġġerixxa li tinħareġ kurduna bil-bankina u tkun tista tintuża min-nies li jkunu bil-mixi.

Il-Kunsillier Clive Azzopardi talab li jsiru rumble strips jew sleeping policemen fi Triq l-Imdina faċċata tal-SMW Cortis.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li l-kundizzjoni tat-tindif tal-latrina mar ħarira aħjar pero l-abbużi xorta għadhom isiru.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li s-Cycling Federation tixtieq bil-koperazzjoni tal-Kunsill kull l-ewwel Ħadd tax-xahar bejn is-6am u d-9am, parti minn Triq l-Imdina bejn Ħaż-Żebbuġ u r-Rabat, naħa minnhom tkun magħluqa sabiex tintuża minn kull min irid juża r-rota. L-ebda inkonvenjent għat-traffiku mhu ser jinħoloq għax issa hemm is-Central Link. Kien hemm qbil mill-Kunsill li din issir għaliex din hija inizjattiva tajba bejn il-Kunsill u s-Cycling Federation.

33.9 Vot tal-Flus

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

Fuq proposta tas-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea sekondata mill-Kunsillier Clive Azzopardi, il-vot tal-flus kien approvat unanimament.

## 33.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Din il-laqgħa spiċċat fit-8:30pm. Il-laqgħa ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| **Dr. Malcolm P. Galea** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |